# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.6

## Kap 4: Il-paċi sabiħa

## Lezzjoni 4.6: L-ewwel familja fil-Knisja



## L-Għanijiet

It-tfal:

1. Jitgħallmu dwar Pietru u kif tkompla t-tagħlim Nisrani wara l-mewt ta' Ġesù.

2. Jitgħallmu dwar l-ewwel komunitajiet tal-Knisja u kif kienu jiċċelebraw il-maħfra.

3. Jagħmlu paragun ma' kif kienu jipprattikaw il-maħfra fil-bidu tal-Knisja ma' kif tiġi pprattikata fil-preżent.

4. Jiddiskuti x'għamilhom parti mill-Komunita tal-Insara.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- preżentazzjonijiet dwar l-ewwel komunitajiet tal-knisja u l-maħfra
- Karta ta' taħriġ 4.4
- vidjow tat-talba tal-Missierna
- vidjow dwar Pietru u l-bidu tal-Knisja

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jiftakru mil-lezzjoni preċedenti. Agħmel enfasi fuq l-aspett tal-imħabba u tar-rispett f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjonijiet differenti.

- Staqsi lit-tfal kif jaħsbu li kienu jgħixu l-ewwel gruppi ta' Nsara.

- Agħmel enfasi li l-ewwel komunitajiet tal-Knisja bdew wara li miet Ġesù. Staqsihom jekk jafux min mexxa l-ewwel komunità u beda jxerred it-tagħlim ta' Ġesù. ( L-appostli)

- Iddiskuti magħhom jekk jaħsbux li kienu jirrispettaw lil xulxin u jħobbu lil xulxin.

- Ħeġġeġ lit-tfal biex jitkellmu ħalli tara x'jafu dwar dan is-suġġett u kkoreġi xi ideat żbaljati li forsi għandhom. Wara għidilhom li biex jitgħallmu aktar dwar il-bidu se jaraw dan il-video ta' Pietru li kien wieħed mill-ewwel appostli li beda jxandar it-tagħlim ta' Ġesu'.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Uri l-vidjow u wara staqsi lit-tfal xi mistoqsijiet biex tkun ċerta li fehmu u wara staqsihom x'laqathom l-aktar minn din il-ġrajja. Agħmel enfasi fuq il-miraklu li seħħ fuq Pietru meta nħeles mill-ħabs permezz tal-anġlu u fuq il-fatt li permezz tiegħu seta' jinfirex aktar it-tagħlim ta' Ġesù.

- Staqsi lit-tfal x'jafu dwar il-maħfra fl-ewwel żminijiet tal-knisja. Spjega li xi affarijiet kienu jsiru differenti ħafna miż-żmien tal-lum waqt li hemm oħrajn li huma simili.

- Għid lit-tfal li biex jitgħallmu aktar dwar dan se jaraw preżentazzjoni.

- Staqsi lit-tfal x'sabu l-aktar interessanti minn dak li tgħallmu dwar il-maħfra fl-ewwel komunitajiet tal-Knisja. Agħmel enfasi dwar l-importanza tal-qrar; il-fatt li tammetti li dnibt u tistqarr dnubietek mal-qassis u tindem minnhom.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.4 u wara li tispjega s-silta mogħtija, fuq bażi ta' klassi rrevedi dak li jkun sar fil-lezzjoni u ħalli t-tfal iniżżlu r-risposti t-tajba fis-sentenzi.

- Iddiskuti Attività 2 u enfasizza r-rispett, il-maħfra u l-ferħ fl-imġiba tagħna mal-oħrajn.

- Iddiskuti Attività 3 u oħroġ l-importanza li biex tassew inkunu parti minn din il-familja rridu nġibu ruħna tajjeb kullimkien u allura speċjalment fil-knisja.

- Orbot mal-lezzjoni li jmiss: Staqsi lit-tfal xi tfisser il-maħfra għalihom u għaliex jaħsbu li hi importanti. Wara għidilhom li fil-lezzjoni li jmiss se jitgħallmu aktar dwar il-valur tal-maħfra.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Jien irrid inkun bħal Pietru - inxerred it-tagħlim ta' Kristu sa fejn nista'.
2. Meta nidneb ma rridx niddejjaq nammetti li żbaljajt anki quddiem ħaddieħor bħalma kienu jagħmlu l-ewwel komunitajiet tal-Knisja.
3. Fil-bidu tal-quddiesa aħna ngħidu 'ħtija tiegħi għal tliet darbiet biex nuru li għamilna l-ħażin u li jiddispjaċina.
4. Meta nidneb huwa importanti li nistqarr dnubieti mal-qassis waqt il-qrar.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- Meta t-tfal jgħidu li jkunu naqsu lil Alla, huma jaħfru lil xulxin u juru li reġgħu ħbieb mill-ġdid.
- It-tfal juru kemm iħobbu u jirrispettaw billi fil-knisja jġibu ruħhom sew.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tat-talba tal-Missierna u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw. Agħmel enfasi fuq il-parti tal-Missierna fejn qed nitolbu maħfra.



## Nitolbu

Flimkien għidu t-talba tal-Missierna.

